**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 17/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**-Vs-**

**DAMIR MILOSAVLJEVIC**

**Illum, 10 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DAMIR MILOSAVLJEVIC**, iben Milovan u Slavica xebba Stankovic, residenti 18, Triq Ġuże Galea, Iklin, detentur tal- permess tar-residenza Maltija 101191A, imwieled s-Serbja, nhar is-sitta w għoxrin (26) ta' April 1997, akkużat talli nhar l-għaxra (10) ta' Jannar 2021, bejn l-għaxra (10:00hrs) ta' filgħodu u nofsinhar (12:00hrs) ġewwa u barra l-fond bin-numru 162, Triq il-Kulleġġ l-Antik, San Giljan/Sliema :

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Brian Caruana f'periklu ċar, ikkaġunalu ġrieħi fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ġrieħi huma ta' natura gravi;

2. Fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal- pubbliku;

3. Fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi kellek fil-pussess tiegħek mediċina psikotropika u ristretta (MDMA) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Brian Caruana, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal- ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati tal-akkużi[1];

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta’ Jannar 2021 bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu Magħha (Kap.31) fejn ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-

[1] Akkużi ġodda nqraw fis-16 ta’ Diċembru 2021, fol. 170.

Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi dwar il-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat ukoll il-kontro-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2Ċ) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) fejn ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi dwar il-ksur tal-proveddimenti tal-istess Ordinanza;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 17, 31, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2022;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ jikkonċerna ġlieda li seħħet ġewwa residenza f'162, Triq il-Kulleġġ Antik, Tas-Sliema fejn kien qed isir *house party*. Is-segwenti huma l-punti saljenti u relevanti li joħorġu mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni:

**L-Ispettur Leeroy Balzan Engere**r xehed[2] illi l-Pulizija ġiet infurmata li kienet intużat arma li taqta' u bil-ponta f'din il-ġlieda u meta hu flimkien ma' uffiċjali oħrajn tal-Pulizija rrikorrew fuq il-post sabu ammont kbir ta' nies, madwar seba' b'kollox, ġewwa din ir-residenza li lkoll kien jidhru fis-sakra jew taħt l-effett ta' droga, u raw ukoll taqtir ta' dmija mal-art iżda l-ġlieda kienet diġa' ntemmet. Uħud mill-persuni li kien hemm fir-residenza informaw lill-Pulizija li wieħed mill-vittmi kien laħaq telaq b'karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni LAF-536 tal-għamla Vitz u li involuti fil-ġlieda kien hemm wieħed Malti mingħajr flokk u bil-jeans, u l-ieħor bjond barrani. Is-sid tal-vettura, ċertu Svetlana, ġiet rintraċċjata u meta ċemplilha l-istess Ispettur, ġie fuq il-linja l-imputat, Damir Milosavljevic li matul din it-telefonata ikkonferma li kien involut fil-ġlieda. Huwa ntalab jirrapporta ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan u biex iġib miegħu l-ħwejjeġ li kien liebes waqt il-ġlieda. Il-Pulizija kellhom informazzjoni wkoll li l-persuna l-oħra li kienet involuta f'din il-ġlieda kienet issakkret ġo kamra fit-tieni sular ta' din ir-residenza u irrifjutat tiftaħ il-bieb. Bil-permess tas-sid tar-residenza, il-Pulizija rnexxielhom jiftħu dan il-bieb u ħareġ mill-kamra persuna mingħajr flokk u bil-jeans li mbagħad irriżulta li huwa Brian Caruana: l-Ispettur xehed li huwa nnota li kellu ħmura fuq l-għajn tax-xellug kif ukoll ammont ta' demm u grif fuq wiċċu u fuq ġismu[3]. Meta staqsih kif ġarrab il-ġrieħi, Brian Caruana qallu li huwa kien ġie attakkat minn tliet persuni ta' karnaġġjon skur ġewwa l-Marsa iżda ma riedx jagħmel rapport. Kien jidher eċitat ħafna kif ukoll xurban iżda rrifjuta li jittieħed l-Isptar biex jiġi medikat. Eventwalment, wara tliet sigħat, aċċetta li jmur l-Għassa tal-Pulizija biex jiġi identifikat iżda kif kienu ħerġin mir-residenza, Brian beda jistira,

[2] Xhieda tal-1 ta' Frar 2021.
[3] Ara xhieda PS2189 Amy Mawdsley, 22 ta' Marzu 2021.

bdew jaqgħulu sieqḥu u jeqleb għajnejh u tah ħass ħażin[4]. Il-persuni li kienu fuq il-post qalu lill-Pulizija li Brian kien ħa droga bl-isem GBH u għalhekk ġiet mgħajta ambulanza li ħaditu l-Isptar fejn kellu jiġi intubat u kien fil-perikolu li jitlef ħajtu iżda wara telaq mill-Isptar minn jeddu u ma setax jiġi rintraċċat.

L-istess Spettur xehed ukoll li l-imputat kien ġablu l-ħwejjeġ li kien liebes waqt il-ġlieda, liema ħwejjeġ kienu kollha bid-demm u f'dawn il-ħwejjeġ instabu żewġ pilloli *ecstasy*. Ikkonferma wkoll li l-imputat stqarr li kien għamel għalih l-imsemmi Brian għaliex ma riedux ġor-residenza u attakkah b'flixkun tal-inbid u b'furketta u b'hekk huwa kellu jiddefendi ruħu.

**Clyde Farrugia** xehed[5] illi huwa kien xurban meta Brian u Damir, l-imputat, bdew jargomentaw f'residenza ġewwa Tas-Sliema u ftit jiftakar dwar il-każ. Kien Damir li kien ċempillu biex imur f'dik ir-residenza iżda kif huwa wasal fuq il-post, inzerta lil Damir u lil Brian diġa' qegħdin jargomentaw u flimkien ma' xi tmienja jew disa' persuni oħrajn, fosthom Shabab, mar iferraqhom. Ra lil Brian isawwat lil Damir u jagħtih daqqa f'wiċċu b'furketta u għalhekk, hu qabad lil Damir u ħadu mal-ġenb biex ma jkomplix jaqla' u hemmhekk iċċappas bid-demm, iżda ma jiftakarx jekk Damir kienx qed jagħti wkoll lura.

**Shabab Alum Khan** xehed[6] illi fit-8 jew id-9 ta' Jannar 2021 huwa wassal lil Damir f'appartament ġewwa San Ġiljan filwaqt li huwa mar jixtri minn ħanut. Meta mar lura fuq il-post xi kwarta wara, ra li Damir barra fit-triq kollu demm, kien irrabjat u kien ovvju li kien għadu kif kien involut fi ġlieda. Ra lil Damir jerġa' jidħol fl-appartament minn ġo tieqa iżda hu ma daħalx miegħu u l-bieb tal-appartament kien imsakkar. Ftit tal-ħin wara xi persuni li kienu fl-appartament ħarġu lil Damir 'il barra u qalulu li Damir u Brian kienu qed jiġġieldu iżda hu ma laħaq xejn minn din il-

---

[4] Ara xhieda ta' Miriam Buhagiar, 30 ta' Settembru 2021, li xehdet illi l-pazzjent kellu l-pinpoint pupils, ċioe' rqaq ħafna, fattur li huwa assoċjat ma' droga fil-ġisem. Qalet ukoll li l-pazzjent kellu ma setax jiġi stabbilit jekk il-pazzjent kien mitluf minn sensih minħabba l-facial trauma li kellu jew minħabba droga. Xehdet li kellu d-demm ma' wiċċu kif ukoll għajnejh minfuħin.
[5] Xhieda tal-11 ta' Frar 2021.
[6] Xhieda tal-11 ta' Frar 2021.

ġlieda, għalkemm ra li Brian ukoll kellu d-demm iqattar minn imnieħru u daqqa f'għajnejh u kien hemm taqtir tad-demm mal-appartament kollu. Qal ukoll illi iktar tard meta kien hemm il-Pulizija fuq il-post, Brian ikkollassa barra fit-triq. Ix-xhud insista li la Damir u lanqas Brian ma qalulu x'kien ġara u hu ma kienx fl-appartament meta huma ġġieldu. Ix-xhud innega wkoll li kien hu li kien imbotta lill-imputat barra mill-appartament.

**Oliver Fluti** xehed[7] illi ċertu Brian kien ċempel lil ħabib tiegħu, Shabab Khan, waqt li kienu fil-karozza u semgħu fuq *speaker* jgħid lill-istess ħabib tiegħu li ma riedx lil Damir Milosavljevic jiġi d-dar fejn kienu sejrin, Tas-Sliema. Kif waslu quddiem din id-dar, huwa ra lil Damir ħiereġ mir-residenza bid-demm ma' wiċċu u rah riekeb f'karozza ta' xi ħadd u telaq minn fuq il-post. Xehed ukoll li iktar tard, l-imputat reġa' ġie quddiem id-dar meta kien hemm Brian barra u tah daqqa fuq rasu minn wara meta Brian kellu daharu lejh. Dak il-ħin huma reġgħu bdew jiġġieldu u kellhom iferrquhom in-nies, madwar għaxra jew ħmistax-il ruħ, li kien hemm fuq il-post. Ra illi Brian kellu għajnejh vjola. Qal ukoll li l-imputat telaq 'l hemm iżda reġa' tfaċċa meta kien hemm il-Pulizija fuq il-post għaliex kienu bagħtu għalih. Huwa ra li Brian reġa' daħal fir-residenza u tela' 'l fuq, fejn dam madwar sagħtejn qabel ħareġ għaliex beża' mill-Puizija, u meta reġa' ħareġ barra, tah ħass ħażin.

**L-imputat, Damir Milosavljevic**, ma xehedx quddiem il-Qorti iżda fl-istqarrija li rrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija[8], spjega illi bil-lejl bejn id-9 ta' Jannar 2021 u l-10 ta' Jannar 2021 huwa mar *party* ġewwa post imwarrab f'Birżebbugia u mbagħad in-nies li kien magħhom stidnuh biex ikomplu l-*party* ġewwa residenza f'162, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Sliema u hu mar hemmhekk ma' ħabib tiegħu ċertu Shabab. Stqarr li kien fis-sakra mhux ħażin u meta kien f'din ir-residenza huwa ħa nofs pillola *ecstasy* għaliex kulħadd kien qed jieħu xi ħaġa u ma riedx ikun l-uniku wieħed li ma jieħux. Waqt li kien bil-qiegħda jistrieħ, ġie fuqu ċertu Brian li kien bin-nervi u beda jgħajjat miegħu li ma riedux hemm ġew u qallu

---

[7] Xhieda tal-24 ta' Mejju 2021.
[8] Stqarrija tal-11 ta' Jannar 2021, fol. 6 *et seq*.

biex jitlaq ‘il barra mir-residenza. Hawnhekk, Brian qabdu minn għonqu u minn rasu u refgħu. Dak il-ħin bil-qatgħa, huwa imbotta lil Brian li spiċċa waqa’ fuq il-mejda li kien hemm warajh, fejn Brian mill-ewwel qabad flixkun tal-ħġieġ u tah daqqa bih fuq rasu u beda ħiereġ id-demm. L-imputat qal li meta ra d-demm, huwa telaq jiġri ‘l barra fejn Brian mar jiġri warajh, qabdu u kellu jiddefendi ruħu. Huwa insista illi huwa ma kellux xi jgħid ma’ Brian u kien Brian li attakkah u hu kellu jiddefendi ruħu minnu tant illi huwa spiċċa ġarrab ġrieħi gravi waqt din il-ġlieda. Dak il-ħin ġew xi nies biex jifirdu l-ġlieda u kulħadd daħal fin-nofs u hemmhekk Brian gidmu fuq żaqqu naħa tax-xellug u beda jagħtih ukoll fil-parti privata tiegħu u kif irnexxielu kważi joħroġ mill-bieb u kien qed jimsaħ id-demm minn rasu, Brian reġa’ mar għalih u attakkah b’furketta fejn intlaqat f’wiċċu b’din il-furketta. Huwa telaq minn fuq il-post billi rikeb f’vettura Toyota Vitz bin-numru ta’ reġistrazzjoni ALF-536 misjuqa minn ċertu Svetlana u talabha twasslu l-klinika biex jiddewweb, iżda l-ewwel ħaditu d-dar tagħha ġewwa Birkirkara biex ibiddel peress li ħwejġu kienu kollha demm.

Jirriżulta illi dawn il-ħwejjeġ mimlijin dmija, li kien liebes waqt il-ġlieda ma’ Brian, l-imputat tahom lill-Pulizija u waqt l-interrogazzjoni, instab li fil-but tal-qalziet kien hemm pakkett b’*sachet* żgħira fih kontenenti żewġ pilloli *ecstasy*. L-imputat insista illi dawn il-pilloli *ecstasy* kienu għall-użu personali tiegħu u kien xtrahom mingħand wieħed barrani bil-prezz ta’ €10 kull waħda, meta kienu Birżebbugia.

Mir-rapport tal-okkorrenza, konfermat bix-xhieda ta’ PS 2189 Amy Mawsdley[9], jirriżulta li meta l-Pulizija kienu għadhom fir-residenza fejn seħħet il-ġlieda, l-imputat, li sadanittant kien ġie kuntattjat mill-Pulizija, kien qabad u mar fuq il-post qabel mar irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, fejn hemmhekk kien stqarr mal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post li l-persuna li huwa kellu argoment miegħu kien jinsab ġewwa r-residenza u ddeskriva l-ħwejjeġ li kien liebes. Irrapporta wkoll li Brian kien mar għalih b’flixkun tal-ħġieġ u furketta u bil-fors kellu jiddefendu ruħu.

Ikkunsidrat;

[9] Xhieda tat-22 ta’ Marzu 2021, Dok. AM1.

L-imputat qed jixli mixli li huwa kkaġuna offiżi ta’ natura gravi fuq Brian Caruana. Dr. Stephanie Magri xehdet li hija eżaminat lil Brian Caruana fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-10 ta’ Jannar 2021 fl-4.00 p.m. fejn iċċertifikat li huwa kellu qasma ta’ ċirka ċentimetru taħt għajnu x-xellugija, nefħa madwar l-għajn u tbenġil, kif ukoll ksur fl-għadma tal-imnieħer. Dak il-ħin il-pazzjent kien mitluf minn sensih iżda ma kienx possibbli jiġi stabbilit il-kaġun ta’ dan, u ġie intubat u ttieħed l-ITU.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm il-provi jistabbilixxu illi l-imputat huwa kien involut fil-ġlieda ma’ Brian Caruana u kien ġie fl-idejn miegħu – u f’kull każ dan huwa ammess mill-imputat[10] - tqis fl-istess waqt illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni m’humiex biżżejjed biex jinstawraw f’moħħha konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-imputat għall-offiżi li ġarrab Brian Caruana. Huwa fatt illi l-allegat vittma. Brian Caruana, ma xehedx f’dawn il-proċeduri biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar kif żvolġa l-inċident mal-imputat, dwar id-dinamika tal-ġlieda u dwar il-ġrieħi li jidher li huwa ġarrab[11] u l-Qorti għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-imputat u ta’ wħud mill-persuni li kienu fuq il-post, fosthom Clyde Farrugia, Shabab u Oliver Fluti[12] u **ħadd minn dawn ix-xhieda, għajr għal Oliver Fluti, ma xehed li ra lill-imputat jolqot lil Brian Caruana**.

Fil-fatt, mill-provi jirriżulta li Brian Caruana għamel minn kollox biex jevita li jiġi mitkellem mill-Pulizija li marru fuq il-post ftit tal-ħin biss wara dan l-inċident tant illi huwa għamel sagħtejn jew tlieta msakkar f’kamra fis-sular ta’ fuq tar-residenza u rrifjuta li jiftaħ għall-Pulizija sakemm inġieb il-kunsens tas-sid tal-fond biex dan il-bieb jinfetaħ. Jirriżulta wkoll li fl-unika verżjoni li ta lill-Pulizija dwar l-akkadut, Brian Caruana allega li ġie attakkat minn terzi persuni ġewwa l-Marsa, filwaqt illi in segwitu, huwa telaq mill-Isptar – fejn kien ittieħed b’ambulanza wara li ntilef minn sensih fuq il-post – u għeb. Kemm hu hekk, minkejja d-diversi tentattivi tal-Pulizija

[10] Ara stqarrija ta’ Damir Milosavljevic, *ibid.*
[11] Ara xhieda b’mod partikolari ta’ Dr. Stephanie Magri.
[12] Shianne Farrugia xehdet li hija ma rat xejn mill-ġlieda għaliex kienet il-ħin kollu fuq ġo kamra u ma rat l-ebda feriti fuq Brian Caruana: il-Qorti ma tqisx li din il-verżjoni hija attendibbli meta hu ovvju li hija kienet fil-kamra ma’ Brian Caruana wara li kien iġġieled mal-imputat u kellu ġrieħi evidenti f’għajnejh.

biex jirrintraċċjaw u jagħmlu kuntatt mal-istess Brian Caruana biex jiġi interrogat dwar l-inċident u r-rwol tiegħu fl-offiżi li ġarrab l-imputat waqt l-istess ġlieda, huwa baqa' qatt ma nstab u għaldaqstant baqa' qatt ma tressaq sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri.

In kwantu għall-imsemmi Oliver Fluti, jirriżulta mix-xhieda tiegħu illi kif wasal fuq il-post, kien ovvju li l-imputat u Brian Caruana kienu diġa' ġġieldu għaliex ra li Brian Caruana kellu għajnejh vjola filwaqt li l-imputat kellu d-demm fuq wiċċu u fil-fatt, huwa kkonferma li ma kienx preżenti għal din l-ewwel parti mill-ġlieda. Huwa minnu li dan ix-xhud xehed ukoll li in segwitu, ra illi l-imputat reġa' ġie lura fuq il-post u ta daqqa lil Brian Caruana fuq rasu minn wara, fejn hemmhekk bdew jiġġieldu u kellhom iferrquhom diversi persuni li kienu fuq il-post. **Iżda l-Qorti tosserva illi ma jirriżultax mill-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni illi Brian Caruana ġarrab xi ferita fuq in-naħa ta' wara ta' rasu u m'hemm xejn fil-provi u fix-xhieda ta' Oliver Fluri li tindika li Brian Caruana ġarrab il-ġrieħi kostatati minn Dr. Stephanie Magri fit-tieni episodju tal-ġlieda mal-imputat**. Għall-kuntrarju, kollox jindika li l-imputat u Brian Caruana kienu diġa' ġġieldu qabel ġewwa r-residenza u li Brian Caruana kien diġa' ġarrab xi ġrieħi. F'kull każ, jekk jeżisti dubju fir-rigward ta' kif Brian Caruana ġarrab il-ġrieħi li ġew ċertifikati, dan id-dubju għandu jmur favur l-imputat in omaġġ għall-prinċipju *in dubio pro reo*.

Dan kollu magħdud ifisser li m'hemm ebda prova konklussiva li kien proprju l-imputat u mhux ħaddieħor li kkaġuna l-ferita f'għajnejn Brian Caruana u l-feriti l-oħrajn f'wiċċu li ġew riskontrati minn Dr. Stephanie Magri. Għalkemm l-imputat fl-istqarrija tiegħu ammetta li huwa kellu jiddefendi ruħu u imbotta lil Brian Caruana lura, fejn dan tal-aħħar waqa' fuq mejda, u huwa minnu wkoll li l-imputat stqarr li huwa kellu jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta' Brian Caruana, **huwa fl-ebda waqt ma ammetta li kkaġuna xi ġrieħi fuq wiċċ l-allegat vittma, wisq inqas li kisirlu l-għadma tal-imnieħer**. **Dan ifisser illi l-unika daqqiet li hemm prova li l-imputat ta lil Brian Caruana, huma l-imsemmija imbottatura u d-daqqa fuq rasu minn**

**wara**[13]. Dan mhux biżżejjed biex jinstawra ċ-ċertezza morali f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat għall-offiżi li ġew sofferti minn Brian Caruana.

Magħdud dan kollu l-fatt illi Brian Caruana, meta ġie mitkellem mill-Ispettur Balzan Engerer fuq il-post, baqa' qatt ma semma lill-imputat u mkien ma indikah jew implikah bħala l-persuna li kkaġunatlu l-feriti li ġew ċertifikati: kemm hu hekk, Brian Caruana ta verżjoni kompletament differenti dwar kif huwa ġarrab il-feriti li kellu. Għalkemm din il-verżjoni qajla tidher li hija verosimili, il-Qorti żgur m'hijiex sejra tispekola dwar x'seta' seħħ ġewwa r-residenza meta nibtet l-ewwel ġlieda bejn l-imputat u Brian Caruana fejn evidentement, ħadd mix-xhieda li xehdu ma raw lill-imputat jagħti jew jaggredixxi lill-istess Brian Caruana.

Għaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti li l-provi li għandha quddiemha huma wisq fjakki biex twassalha tikkon tikkonkludi b'xi qies ta' ċertezza li l-feriti riskontrati fuq il-persuna ta' Brian Caruana kienu kkaġunati mill-imputat u minn ħaddi iktar ħliefu u fil-fehma tagħha, dawn il-provi ma jlaħħqux il-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali.

Ikkunsidrat;

Iżda lil hinn minn din il-konklużjoni, il-Qorti xorta waħda tħoss li għandha tissenjala li fi kwalsiasi każ, hemm biżżejjed provi sal-grad tal-probabbli illi, kif stqarr l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu, f'din il-ġlieda ma' Brian Caruana huwa aġixxa għad-difiża tiegħu,.

Il-Qorti tosserva illi l-verżjoni tal-imputat dwar id-dinamika tal-ġlieda ma' Brian Caruana hija konsistenti bejn dik li rrilaxxa lill-uffiċjali tal-Pulizija li rikorrew fuq il-post tal-inċident u l-istqarrija li huwa rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu. L-imputat sostna illi kien Brian Caruana li aggredih meta riedu jitlaq 'il barra mir-residenza, fejn qabdu minn għonqu u minn rasu u refgħu u l-imputat irrejaġixxa billi

[13] Ara xhieda ta' Oliver Fluti.

imbottah lura.  L-imputat stqarr, ukoll b'mod konsistenti, li in segwitu, Brian Caruana mar għalih b'flixkun tal-ħġieġ u furketta fejn tah daqqiet f'rasu u f'wiċċu - verżjoni li ġiet korroborata minn Clyde Farrugia – kif ukoll gidmu fuq żaqqu naħa tal-lemin u tah daqqa fil-partijiet privati tiegħu.

Din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi ohra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli[14]. Speċifikatament dwar it-tielet element tal-inevitabbilita' tal-perikolu jew il-minaċċja, ġie ritenut[15] illi *"jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`."*[16]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta inkontradett li Brian Caruana aggredixxa lill-imputat inġustament meta riedu jitlaq 'il barra mill-post.  L-imputat innifsu stqarr li kif Brian kien rah fir-residenza, beda jgħajjat miegħu li ma riedux hemm ġew u qallu biex jitlaq 'il barra, f'liema waqt qabdu minn għonqu u minn rasu biex jerfgħu.  Il-fatt li l-imputat ma telaqx minn fuq il-post u seta' rrejaġixxa billi ġġieled mal-aggressur tiegħu u kkaġunawlu xi offiżi, ma jinnewtralizzax id-difiża u dan in konformita' mal-insenjament ġurisprudenzjali fuq ċitat.

---

[14] Dawn l-elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** - Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018.  Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.
[15] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea** - deċiża 14 ta' Ġunju 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri).
[16] Deciza 16/10/2003.

Inoltre, il-verżjoni tal-imputat dwar il-ħtieġa li jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta' Brian Caruana, jidher li hija ulterjorment sostanzjata mix-xhieda ta' Clyde Farrugia li xehed illi ra lil Brian Caruana jagħti lill-imputat f'wiċċu b'furketta u ra wkoll lill-imputat imċappas kollu bid-demm tant illi ħwejġu wkoll iċċappsu bid-demm. L-imputat stqarr ukoll li Brian Caruana mar għalih ukoll apparti b'furketta, bi flixkun tal-ħġieġ u tah daqqiet bihom. Huwa minnu li Shabab Khan xehed illi huwa ra li l-imputat kien irrabjat ħafna wara li tkeċċa 'l barra mill-fond, u rah ukoll reġa' dieħel ġewwa mit-tieqa, iżda l-Qorti għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-imputat u ta' Clyde Farrugia dwar dak li attwalment seħħ matul il-ġlieda u din il-verżjoni baqgħet ma ġietx kontradetta.

Din il-verżjoni li hija sostanzjata ulterjorment minn Dr. Chanelle Gatt, li kienet eżaminat lil Damir Milosavljevic fl-10 ta' Jannar 2021[17] u li xehdet illi huwa kellu laċerazzjonijiet u grif fuq rasu u f'wiċċu kif ukoll ferita fuq żaqqu[18], liema ġrieħi ġew klassifikati bħala ta' natura gravi peress li dehru li kienu ser iħallu marki fuq il-wiċċ. Ġrieħi li fil-fehma tal-Qorti huma kompatibbli mad-daqqa bil-flixkun u l-furketta fost oħrajn, li ddeskriva l-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Għaldaqstant, kieku stess kellu jirriżulta – iżda ma ġiex hekk ippruvat – illi kien l-imputat li kkaġuna l-offiżi li ġarrab Brian Caruana, huwa xorta waħda ma jistax jinstab ħati għal dan id-delitt.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(d) tal-Kap. 9.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-ewwel episodju ta' ġlied seħħ ġewwa r-residenza u mhux barra fi triq jew post pubbliku u għalhekk, billi huwa nieqes l-element tal-

---

[17] Ġewwa Floriana Health Centre, ċertifikat Dok. LB7, fol. 175.

[18] *"3-4 cm cut on left loin, allegedly a bite"* – Dok. LB7

pubbliċita', ma taqbilx illi dak li seħħ jista' qatt jitqies bħala ksur tal-kwiet u l-bon ordni pubbliku.

L-unika okkażjoni fejn jirriżulta li l-imputat aggredixxa lil Brian Caruana mingħajr ma aġixxa in leġittima difesa kien meta, skont kif xehed Oliver Fluti, l-imputat wara li kien telaq minn fuq il-post, reġa' mar lura fejn sab lil Brian Caruana barra u tah daqqa ta' ponn fuq rasu fuq wara meta dan tal-aħħar kien daharu lejh. Din l-azzjoni mhux biss ma jidhrix li saret b'rejazzjoni għal xi aggressjoni da parti ta' Brian Caruana dak il-ħin, iżda jirriżulta wkoll li qanqlet kommossjoni għaliex diversi persuni kellhom jintervjenu biex iferrqu l-ġlieda li konsegwiet għal dan l-attakk.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[19] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz ,*

---

[19] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* [emfasi tal-Qorti]

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. ... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi tal-Qorti)

Għall-Qorti, il-fatt illi b'riżultat tal-azzjoni vjolenti tal-imputat, diversi persuni ħassew li kellhom iwaqqfu l-ġlied li kkonsegwiet, bejn l-istess imputat u Brian Caruana, jista' jfisser biss li din l-azzjoni ġiegħlu lil persuni oħrajn jibżgħu li ser issir xi xorta ta' ħsara, tant illi ħassew li kellhom iwaqqfu l-ġlieda.

Dan huwa biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, sabiex jipprova li l-aġir tal-imputat waqt dan l-episodju kien kapaci jnissel allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra. F'kull kaz, kif rajna mill-ġurisprudenza fuq ċitata, m'huwiex rikjest sabiex tiġi ravviżata ħtija għar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tinġieb prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew ta' ħaddieħor: il-fatt illi dak l-aġir huwa fih innifsu kapaċi inissel dan it-tħassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-tħassib, huwa suffiċjenti sabiex tigi stabbilita reita`.

Għaldaqstant, miżmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fir-raba' imputazzjoni ġie ppruvat sodisfaċjentement u illi konsegwentement, l-imputat għandu jinsab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat taħt il-Kap. 31 (L-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha) u dan in kwantu għas-sejba ta' żewġ pilloli *ecstasy* li nstabu fil-bwiet tal-qalziet li huwa stess għadda lill-Pulizija meta mar jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fl-10 ta' Jannar 2021. Qalziet[20] li, anke mingħajr referenza għal dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tiegħu, jirriżulta inkonfutabbilment li kien liebes huwa stess fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Jannar 2021. Dan qed jingħad għaliex kien l-imputat innifsu li għadda dan il-qalziet lill-Pulizija meta kien fl-Għassa tal-Pulizija[21] skont kif del resto jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer. Jirriżulta wkoll illi l-ħwejjeġ u s-*sachet* bil-pilloli *ecstasy* ġew siġillati quddiem l-imputat ġewwa *evidence bags* separati[22], filwaqt li l-*evidence bag* kontententi l-pakkett kontenenti *sachet* biż-żewġ pilloli ġie esebit fl-atti proċesswali[23] u ġie sussegwentement mgħoddi lill-espert maħtur mill-Qorti, Dr. Godwin Sammut, għall-analiżi. L-istess espert ġudizzjarju fir-

---

[20] Esebit Dok, LB5, K/B/116/2021.
[21] Ara xhieda tal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer, 1 ta' Frar 2021.
[22] Numru L00366037; L00366036, M00568031, M00568100 (dan tal-aħħar huwa l-esebit kontenenti l-pilloli, li ġie mgħoddi lil, u analizzat mill-espet ġudizzjarju). Ara stqarrija tal-imputat.
[23] Dok. LB2, LB3, LB4 u LB5.

relazzjoni tiegħu ikkonkluda illi dawn iż-żewġ pilloli fihom MDMA (3,4-*methylenedioxymethamphetamine*) li hija sustanza kontrollata taħt Taqsima A, Tielet Skeda, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rigward dawn iż-żewġ pilloli bis-sustanza MDMA, maghrufa ahjar bhala *ecstasy*, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jgħid li dawn kienu għall-użu personali tiegħu u fiċ-ċirkostanzi tal-kaz, fejn is-sejba ta' żewġ pilloli *ecstasy* hija kompatibbli ma' użu personali u mingħajr l-ebda tip ta' provi ohra li jindikaw li dawn il-pilloli ma kienux għall-użu esklussiv tieghu, il-Qorti m'għandhiex għax tiddubita mill-veraċita ta' dak li qal l-imputat. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk din il-Qorti kellha ma temminx dak li qal l-imputat jew kellha twarrab dak kollu li stqarr l-imputat fl-istqarrija tiegħu b'rabta ma' din is-sejba ta' droga, kif ġie suġġerit mid-difiża waqt it-trattazzjoni finali, jibqa' l-fatt illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova biex juri illi l-pilloli li nstabu fil-bwiet tal-ħwejjeġ tiegħu stess, jappartjenu lil xi ħaddieħor. Il-Qorti tosserva wkoll li l-imputat ma ġiex akkużat bil-pussess aggravat ta' din is-sustanza u għalhekk tista' ssibu ħati biss tal-pussess sempliċi għall-użu personali.

Għandu jingħad ukoll li mill-provi miġjuba ma jirriżultax illi l-imputat huwa persuna li jeħtieġ li jingħata għajnuna u kura għar-rijabilitazzjoni mid-dipendenza tiegħu minn xi mediċina u għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 120A(6) tal-Kap. 31. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, m'hijiex tal-fehma li l-imputat għandu jingħata piena karċerarja, lanqas bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u konsegwentement, m'hijiex sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 u sejra timponi piena pekunjarja li toqrob lejn il-minimu. Dan qed jingħad ukoll wara li rat il-fedina penali tal-imputat li ma jidhirx li hija waħda oneruża.

**Għal dawn il-motivi filwaqt illi ma ssibx ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnu, wara li rat l-Artikoli 17 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, l-Artikolu 40A u l-Artikolu 120A(1)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Tielet**

**Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 , qiegħda ssib lil DAMIR MILOSAVLJEVIC ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' ħames mitt Euro (€500) u filwaqt li tordna l-konfiska tad-droga u l-affarijiet konnessi magħha (ċioe', l-esebit Dok. LB5, K/B/116/2021, kontenenti *evidence bag* M00568100) favur il-Gvern ta' Malta, tordna li dan l-esebit jiġi distrutt taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur tal-Qorti.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-espert Dr. Godwin Sammut fis-somma ta' mitejn u sebgħa u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€297.43)[24].**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[24] Dok. GS1, fol. 136 *et seq*.